31998R2042

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2042/98
tal-25 ta' Settembru 1998
dwar kundizzjonijiet għall-għotja ta' għajnuna għall-ħażna privata għall-laħam tal-majjal

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2759/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-laħam tal-majjal [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 3290/94 [2], u partikolarment l-Artikoli 4(6) u5(4) tiegħu,

Billi jistgħu jsiru miżuri ta' intervent dwar il-laħam tal-majjal jekk, fuq is-swieq rappreżentattivi tal-Komunità, l-prezz medju għall-karkassi tal-majjal huwa inqas minn 103 % tal-prezz bażiku u x'aktarx jibqa' taħt dak il-livell;

Billi s-sitwazzjoni tas-suq ġiet karatterizzata minn waqgħa mmarkata fil-prezzijiet taħt il-livell imsemmi; billi in vista tat-tendenzi staġonali u ċikliċi, din is-sitwazzjoni tista' tippersisti;

Billi għandhom isiru miżuri ta' intervent; billi dawn jistgħu jiġu limitat għall-għotja ta'għajnuna għall-ħażna privata;

Billi huwa xieraq in vista tat-tul possibbli tal-kriżi preżenti fis-settur tal-laħam tal-majjal, li l-operaturi jiġu obbligati li jesportaw il-prodotti b'kuntratti ta' ħażna sabiex jiġu prevenuti milli jiġu lura fuq is-suq Komunitarju wara li jitneħħew mill-ħażna;billi dawn l-esportazzjonijiet għandhom jitwettqu skond xi disposizzjonijiet previsti fir-Regolament tal- Kummissjoni (KEE) Nru 3444/90 [3], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 3533/93 [4];

Billi l-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2763/75 [5] jitratta dwar il-possibiltà ta' l-estensjoni jew it-tnaqqis tal-perjodu tal-hazna; għaldaqstant, provizjoni għandha ssir mhux biss biex tirranga l-ammonti għall-għajnuna għall-perjodu specifiku ta' hazna izda wkoll għall-ammonti li jridu jigu mizjuda jew imnaqqsa jekk dan il-perjodu jkun estiz jew imnaqqas;

Billi sabiex jiġi ffaċilitat xogħol amministrattiv u ta' kontroll, li jirriżulta mill-konklużjoni ta' kuntratti, għandhom jiġu ffissati ammonti minimi;

Billi s-sigurtà għandha tiġi ffissata fuq livell tali li jobbliga lil min jaħżen li jilħaq l-obbligazzjonijiet li huwa ntrabat bihom;

Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni għal-Laħam tal-Majjal,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Mit-28 ta' Settembru 1998 jistgħu jiġu introdotti applikazzjonijiet għal għajnuna għal ħażna privata skond id-disposizzjonijiet tar-Regolament (KEE) Nru 3444/90. Il-lista ta' prodotti li jikkwalifikaw għall-għajnuna u l-ammonti rilevanti huma stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

2. Mingħajr pregudizzju għad-disposizzjonijiet previsti fl-Artikolu 3(4) tar-Regolament (KEE) Nru 3444/90, il-prodotti kollha skond il-kuntratt għandhom jiġu esportati mhux aktar tard mis-60 jum wara ż-żmien massimu kkuntrattwali għall-ħażna, skond waħda minn tliet possibilitajiet prevista fl-Artikolu 9(4) ta' l-imsemmi Regolament.

3. Id-disposizzjonijiet fl-Artikolu 6(3) tar- Regolament (KEE) Nru 3444/90 japplikaw *mutatis mutandis* għall-kwantitajiet mhux esportati.

4. Jekk iż-żmien tal-ħażna jitwal jew jitqassar, l-ammont ta' għajnuna għandha tiġi aġġustata f' dan is-sens. L-ammonti tas-supplementi u d-deduzzjonijiet għal kull xahar u kull jum huma stabbiliti fil-kolonni 6 u 7 ta' l-imsemmi l-Anness.

Artikolu 2

Il-kwantitajiet mimimi għal kull kuntratt u għal kull prodott huma kif ġej:

(a) 10 tunnellati għal prodotti bl-għadam imneħħija;

(b) 15 tunnellati għall-prodotti kollha l-oħra

Artikolu 3

Il-garanzija għandha tkun 20 % ta' l-ammonti ta' għajnuna stabbiliti fl-Anness.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil- jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*

[1] ĠU L 349, tal-31.12.1994, p. 105.
[2] ĠU L 282, ta' l-1.11.1975, p. 1.
[3] ĠU L 333, tat-30.11.1990, p. 22.
[4] ĠU L 321, tat-23.12.1993, p. 9.
[5] ĠU L 282, ta' l-1.11.1975, p. 19.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul f'Brussel, fil-25 ta' Settembru 1998.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

(EKU/tunnellata)

Kodiċi NM	Prodotti li dwarhom tingħata għajnuna	Ammont ta' għajnuna għal prejodu ta' ħażna ta'			Supplement jew tnaqqis	
		4 xhur	5 xhur	6 xhur	fix-xahar	kuljum
1	2	3	4	5	6	7
ex 0203	Laħam tal-majjal domestiku, frisk jew imkessaħ					
ex 0203 11 10	Nofs karkassi bir-ras jew mingħajr ra u xaħam oħxon, iżda mingħajr is-sieq ta' quddiem, denb, kilwa, falda rqiqa u spina dorsali (1)	315	352	389	37	1,24
ex 0203 12 11	Saqajn	379	421	463	42	1,41
ex 0203 12 19	Spalel	379	421	463	42	1,41
ex 0203 19 11	Biċċiet ta' quddiem	379	421	463	42	1,41
ex 0203 19 13	Fletti, bl-għenuq jew mingħajrhom, jew għenuq, waħedhom, fletti biċ-*chump* jew mingħajru (2) (3)	379	421	463	42	1,41
ex 0203 19 15	Żaqq, sħiħa jew maqtugħa kwadra	197	230	263	33	1,09
ex 0203 19 55	Żaqq, sħiħa jew maqtugħa kwadra, mingħajr qoxra u kustilji	197	230	263	33	1,09
ex 0203 19 55	Saqajn, spalel, biċċiet ta' quddiem, fletti bl-għenuq jew mingħajrhom, jew għenuq separati, fletti biċ-*chump* jew mingħajru, mingħajr għadam (2) (3)	379	421	463	42	1,41
ex 0203 19 55	Qatgħat li jikkorrispondu għal 'partijiet tan-nofʼ bil-qoxra u xaħam jew mingħajrhom, mingħajr għadam (4)	290	325	360	35	1,17
ex 0203 19 59	Qatgħat li jikkorrespondu għal 'partijiet tan-nofs' bil-qoxra u xaħam jew mingħajrhom, bil-għadma (4)	290	325	360	35	1,17

(1) L-għajnuna tista tingħata għal nofs karkassi oippreżentati bħala *Wiltshire sides*, i.e. mingħajr ir-ras, ħadd, xedaq, saqajn, denb, xaħam oħxon, kilwa, flett tal-kustilja, għadma ċatta, sternu, spina dorsali, għadma pelvika u dijaframma
(2) Fletti u għenuq jistgħu ikunu bil-qoxra jew minghajra, iżda is-saff xaħam ta' magħhom m'għandux ikun eħxen minn 25 mm.
(3) Il-kwantità kontratta tista' tkopri kwalunkwe kombinazzjoni tal-prodotti msemmija
(4) L-istess preżentazzjoni għal prodotti li jaqgħu taħt il-Kodiċi NM 0210 19 20.